# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 340/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jesmond Scerri**

Seduta tat-30 t' Ottubru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jesmond Scerri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 233267M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Ottubru 2015 u Marzu 2016 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, li jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skont Kap 9 tal-Artikolu 18, naqas li jaghti lil Audrey Scerri is-somma ta' €252 kull xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala

manteniment ghal uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma skont Kap 9 Artikolu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Gunju, 2016 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal xaharejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jesmond Scerri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirrevoka u thassar** is-sentenza appellata u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, u b'mod sussiddjarju joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami singolari illi l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ghaliex l-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas il-manteniment, b'att ppublikat qabel l-emendi fil-Kodici Civili tal-2011, kien ezawrit bl-gheluq it-tmintax-il sena ta'

bintu. B'mod alternattiv, ressaq aggravju dwar il-piena erogata minnu deskritta bhala eccessiva;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li fl-4 ta' Mejju tas-sena 2000, l-appellant u martu, il-kwerelanta odjerna, kienu dahlu fi ftehim ta' separazzjoni li kien jakkludi l-obbligu tal-appellant li jhallas tmenin lira maltin fix-xahar ghall-manteniment taz-zewg ulied minorenni. Meta wahda mill-ulied ghalqet it-tmintax-il sena, l-appellant beda jhallas biss nofs dik is-somma bhala manteniment allura tal-wild l-iehor li kien ghadu minorenni. Il-kwerelanta talbet li jinbdew proceduri kriminali kontra l-appellant ghal dak li hemm mahsub fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali ghaliex skond il-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta l-appellant hu obligat imantni ukoll lill-ulied li jghalqu it-tmintax-il sena meta jkunu ghadhom qed jistudjaw *full time*;

3. Kwantu l-ewwel aggravju, huwa hati ta' kontravvenzjoni kull min, *inter alia*, jonqos milli jhallas il-manteniment iffisat minn Qorti jew stipulat f'kuntratt u dan skond l-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali. <u>Fl-4 ta' Mejju, 2000,</u> l-appellant flimkien ma' martu dehru fuq il-pubblikazzjoni ta' att notarili ghas-separazzjoni personali u tal-beni taghhom kif awtorizzat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Skond il-klawsola 3(b) ta' dan il-kuntratt, l-appellant "qieghed jobbliga ruhu li jghaddi lill-komparenti martu Audrianne Scerri s-somma ta' tmenin lira Maltin (LM80) fix-xahar rapprezentanti manteniment ghaz-zewg uliedhom". L-appellant jikkontendi illi l-obbligu tieghu li jmanti liz-zewg uliedu llum huwa parzjalment ezawrit wara li wahda mill-ulied ghalqet it-tmintax-il sena u kien ghalhekk illi huwa baqa' jhallas il-manteniment biss ta' ibnu li ghadu minorenni;

4. Hija l-fehma tal-appellant illi meta l-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, kien emendat biex jestendi l-obbligu tal-ġenituri li jmantnu ukoll lill-ulied meta jkunu ghadhom studenti li qieghdin

jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full-time u huma taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena (ex artikolu 3B(2)(a) Kap 16), mhux applikabli fil-kaz tieghu. Dan ghaliex l-artikolu tal-ligi kien introdott fis-sena 2008, l-kuntratt ta' separazzjoni kien pubblikat meta l-ligi kienet tipprovdi mod iehor, igifieri manteniment sa eghluq tmintax-il sena, u l-emenda ma kienitx imposta b'mod awtomatiku fuq dawk il-kuntratti ta' separazzjoni publikati qabel dik l-emenda;

5. Jibda biex jinghad li hemm distinzjoni bejn l-obligu generali tal-genituri li jmantnu lill-ulied kif emergenti mill-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta u dak ordnat mill-Qorti kompetenti, fil-kaz odjern is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, llum il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), wara talba ghalhekk ta' wiehed mill-genitur jew tal-wild inniffsu. Il-Kapitolu 16 jobbliga lill-genituri li jmantnu lill-ulied minghajr limitazzjoni fl-eta' taghhom, igifieri allura mhux biss dawk minorenni. Fin-nuqqas ta' qbil, l-parti interessata tista' titlob lill-Qorti Civili sabiex tiffissa dak l-ammont ta' manteniment li jkun jixraq u misthoqq skont il-kriterji hemm rassenjati. Nuqqas ta' ottemperament ma' dik l-ordni jista' mbaghad ikollu konsegwenzi ta' natura civili kif ukoll kriminali. Kwantu din tal-ahhar, l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **Huwa hati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min: - Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal dik il-persuna fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma:**

6. Illi ghalhekk l-artikolu 338(z) jippunixxi mhux lil kull min jonqos mill-obbligu generali tal-hlas tal-manteniment taht il-Kodici Civili Kap 16 izda lil dawk li jonqsu li jottemperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti

ghal hlas tal-manteniment jew mal-obbligu kontrattwali awtorizzat mill-Qorti ghall-hlas ta' dak il-manteniment. Issa, ezaminat il-kuntratt li bih l-appellant kien obligat jipprovdi ghall-uliedu, jemergi illi dan kien publikat fl-4 ta' Mejju, 2000 b'awotrizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-istess data. Dan huwa kuntratt ta' separazzjoni personali li jahseb *inter alia* ghall-kura u kustodja tal-ulied minorenni tal-appellant u l-kwerelanta odjerni. L-appellant jikkontendi li issa li wahda mill-minorenni ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena, ma ghadux obbligat li jibqa' jhallas ghall-manteniment taghha ghaliex fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, dak l-obbligu kien jintemm appena l-wild jilhaq l-eta' maggorenni. U in sostenn tal-argument tieghu jiccita l-artikolu 3B tal-Kodici Civili kif emendat biex juri li meta kien iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni l-obbligu tal-manteniment kien divers minn dak li tipprovdi l-ligi llum;

7. L-Artikolu 3B tal-Kaptitolu 16 fid-data tal-kuntratt kien jipprovdi hekk:

> **3B. Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jindukraw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied**.

Bl-Att XIV tal-2011, l-Artikolu 3B kien rinumerat (1) u zdiedu s-subartikoli (2) u (3). Is-subinciz (2)(a) jipprovdi hekk:

> **(2) L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skond is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skond il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragjonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:**

**(a) li jkunu studenti li qeghdin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim *full-time* u huma taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena;**

13. L-appellant jargumenta illi z-zieda fil-Kodici Civili stess tirraviza l-mankanza ta' dan l-obbligu fil-passat. Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx mal-appellant ghaliex kif gia spjegat *supra,* il-Qorti Civili setghet dejjem, jekk mitluba u jekk huwa fl-interess tal-wild, tordna tali manteniment. Pero' jibqa' l-fatt illi il-manteniment ordnat mill-Qorti fil-kaz odjern kien ghall-minuri li skond l-artikolu 188 tal-Kodici Civili, jieqfu minn dak l-istat malli jilhqu it-tmintax-il sena u huwa f'dan biss li l-appellant ghandu ragun. Infatti, harsa lejn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tal-5 ta' Novembru, 1991 fl-ismijiet George Mallia vs Teresa Muscat noe turi li l-Qorti, *marte proprio*, u minkejja sentenza precedenti taghha ghazlet illi tordna li twaqqaf il-manteniment ta' wiehed mill-ulied ghaliex ghalaq it-18-il sena u beda jahdem u dan anke jekk ma saret ebda talba f'dan is-sens ghaliex it-talba originali kienet fil-konfront tal-wild l-iehor li ukoll sar maggorenni u li kien ibghati minn dizabilita mentali. Dik il-Qorti cahdet it-talba ghal-twaqqif tal-manteniment minhabba dizabilita' izda ordnat it-twaqqif fil-konfront tal-wild l-iehor ghaliex sar maggorenni minkejja, kif gia inghad, li ma kienet saret ebda talba ghaliex ic-citazzjoni inbdiet fi zmien meta dak il-wild kien ghadu minorenni;

14. L-abbli difensur tal-kwerelanta jargumenta illi f'sitwazzjoni identika ghal dik odjerna, din il-Qorti, diversament preseduta kienet cahdet l-appell tal-persuna misjuba hatja mill-ewwel Qorti. Huwa jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bugeja tad-9 ta' Dicembru, 2015 (191/2015 EG). Ezaminata din is-sentenza huwa evidenti illi l-fatti huma ghall-kollox differenti. F'dak il-kaz, l-

appellant kien naqas milli jhallas il-manteniment ghaliex wara li ibnu ghalaq it-tmintax-il sena sar jaf li kien qed jahdem bi qliegh izda ma kienx jaf li dak ix-xoghol kien qed jaghmlu bhala apprentist u bhala student l-MCAST. Meta nduna bl-izball tieghu, hallas il-manteniment izda kien tard wisq ghaliex il-proceduri kriminali kontra tieghu kienu gia nbdew u l-ewwel Qorti sabitu hati ghaliex kien tardiv fil-pagament tieghu. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza kwantu sejbien ta' htija izda varjat il-piena kominata mill-ewwel Qorti;

15. Il-fatti speci taz-zewg kawzi ghalhekk huma ben diversi minn xulxin u f'dik citata mill-kwerelanta gara proprju dak li l-legislatur ried li jkun evitat bl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 jigifieri li l-parti tiehu l-ligi f'idejha u tiddeciedi hi jekk cirkostanza tikwalifikax ghall-waqfien jew sospensjoni tal-obbligu tal-manentiment. Il-Qrati taghna dejjem irritenew illi meta jkun hemm kambjament fic-cirkostanzi fejn persuna jidhrilha li m' ghandhiex tibqa' thallas manteniment jew li jkun ridott, ghandha dejjem tirrikorri ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex din tvarja jew timmodifika dak l-obbligu gia minnha impost. Fin-nuqqas li wiehed jirrikorri ghal hekk u fin-nuqqas ta' ordni gdida, ma jhalli ebda xelta lil-Qorti ta' kompetenza kriminali li tqis, kif dejjem hekk sar, li huwa dak il-kuntratt jew ordni tal-Qorti Civili originali li jirregola l-obbligu tal-manteniment;

16. Is-sitwazzjoni appena ipotizzata hija differenti ukoll minn dik fejn il-kuntratt jew ordni tal-Qorti hija dipendenti minn kundizzjoni rizoluttiva bhala dik in dizamina, jigifieri fuq jum li fih il-minorenni jghaddi ghall-eta' maggorenni. L-ordni ta' hlas ta' manteniment fi kwistjoni ta' separazzjoni jew *pendente lite* qabel l-Att XIV tal-2011 kienu validi sakemm il-wild isir tal-eta'. Raggunt dan il-punt determinat u indiskutibbli, dik l-ordni ma tibqax aktar torbot lill-genitur li dejjem, izda, jkun soggett ghall-ordni gdida wara proceduri

*ad hoc* bhal kull dixxendent iehor bil-protezzjonijiet kollha moghtija lilu mill-Kodici Civili;

17. Il-kuntratt li jobbliga lill-appellant ihallas il-manteniment fil-kaz odjern ma jistghax ikun soggett ghall-interpretazzjoni liberali kif targumenta l-kwerelanta. Inoltre, l-Att XIV tal-2011 ma jipprovdix ghal-dawk is-sentenzi jew digrieti tal-Qorti jew kuntratti ta' separazzjoni moghtija jew maghmula qabel l-emenda u il-kwerelanta naqset milli tadixxi lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tordna lill-appellant ihallas ghall-manteniment ta' bintu la darba hija studenta *full-time* wara li ghalqet tmintax-il sena. Azzjoni din li setghet issir mill-kwerelanta minkejja li l-bint hija maggorenni (ara s-sentenza fl-ismijiet AB vs CD 232/13 AL tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-17 ta' Marzu, 2016);

18. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx legalment issib lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u l-ewwel talba tal-appell tieghu ghandha tkun akkolta;

19. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun akkolt u konsegwentement l-appellant qed ikun illiberat minn kull htija u piena.